**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 17 ta' Marzu 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 207 /2024 JPG**

**Kawza nru.: 23**

**AS**

**Vs**

**U b'digriet tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju 2024**

**gew nominati**

**Dr Ingrid Zammit Young u PL Joeline Pace Ciscaldi**

**bhala Kuraturi sabiex**

**jirraprezentaw lill-assenti**

**MN**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AS datat 19 ta' April 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fl-10 ghaxra ta' Frar 2013 gol-Egittu u dan kif jirrizulta mill-anness kopja legali tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat* ***DOK A****, liema zwieg gie registrat mar-Registru Pubbliku fis-(7) sebgha ta' Settembru (2013) elfejn u tlettax, u dan kif jirrizulta mill-kopja ufficjali tac-certifikat hawn annessa u mmarkata* ***DOK A.2.***

*Illi l-partijiet huma separati legalment, u dan permezz ta' sentenza minn din l-Onorabbli Qorti fit- 22 tnejn u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elefejn u ghoxrin (2020), liema sentenza ma gietx appellata. Kopja legali ta' din is-sentenza hawn annessa u mmarkata bhala '**DOK B**'.*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni stante illi l-partijiet jghixu hajja totalment separata minn xulxin, f'pajjizi differenti u minghajr ma jikkomunikaw ma' xulxin.*

*Illi ghar-ragunijiet hawn fuq permessi, ir-rekwiziti tal- Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma kollha sodisfatti, skond kif tirrikjedi l-Ligi u kwindi m'hemm l-ebda impediment ghall-hall taz-zwieg, u fic-cirkostanzi , mhux mehtieg li ssir medjazzjoni bejniethom;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob bir-rispett illi a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ukoll sabiex jigi stabbilit illi jezistu dawk il-kundizzjonijiet fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet skond l-artikolu 66D tal-Kap. 12 tal-Ligijiet Malta';*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili sabiex f'terminu perentorju ffissat minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjez.*

*Rat ir-risposta tal- Kuraturi Deputati li gew mahtura b'digriet tal-21 ta' Mejju sabiex jirraprezentaw lill-assenti MN,* datata 7 ta' Awwissu 2024, a fol 61, li taqra hekk:

1. *Illi d-deputati kuraturi gew hekk nominati permezz ta' digriet ta' din il-Qorti datat (21) wiehed u ghoxrin ta' Mejju 2024 bhala Deputati Kuraturi biex jirrapprezentaw l-assenti MN.*
2. *Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz li jekk jigu edotti mill-fatti.*
3. *Illi l-esponenti jirriservaw li jipprezentaw eccezzjonijiet kemm il-darba jirnexxielhom jaghmlu kuntatt mal-eredi tal-konvenut;*
4. *Illi l-esponenti qeghdin jitolbu minn issa d-dettalji ta' MN;*
5. *Illi f'dan l-istadju, l-esponenti ma ghandhomx noti u dokumenti x'jipprezentaw, kwindi jirriservaw id-dritt li jaghmlu dan fi stadju ulterjuri jekk ikun il-kaz;*
6. *Illi huwa l-atturi li ghandhom il-piz tal-prova u cioe' illi permezz tal-provi mressqa minnu jikkonvincu lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess attrici qieghda taghmel fil-konfront tal-intimat huma fondati.*

*Salv risposta ulterjuri u/jew eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ic-certifikat li l-kawza datata 19 ta' April 2024 mhux appellata;

Rat id-digriet 21 ta' Mejju 2024 (a fol 26) fejn gew nominati Dr Ingrid Zammit Young u PL Joeline Pace Ciscaldi bhala kuraturi;

Rat li gew imharrka l-Principal Immigration Officer u Identity Malta (a fol 69);

Rat in-nota tal-Kuratur Dr Ingrid Zammit Young, datata 30 ta' Settembru 2024 sabiex takkwista izjed informazzjoni dwar l-assenti (a fol 70);

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet viva voce nhar id-29 ta' Awwissu 2024 (a fol 66 et seqq)** illi l-kontendenti izzewgu nhar l-10 ta' Frar 2013. Minn dan iz-zwieg twieldu tlett ulied, li illum tnejn minorenni u wiehed maggorenni. Xehdet illi l-kawza ta' separazzjoni giet deciza b'sentenza finali fit- (22) tnejn u ghoxrin ta' Ottubru elfejn u ghoxrin (2020). Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni.

**Joseph Rivans prodott mill- Kuraturi nomine xehed viva voce nhar it-18 ta' Novembru 2024** (**a fol 84 et seqq**) fejn ikkonferma l-identita ta' MN. Ikkonferma li l-ahhar renewal tal-Identity Card tieghu kienet fis-sena elfejn u tmintax (2018).

**L-Ispettur Lara Butters prodotta mill-Kuraturi nomine xehdet viva voce nhar it-18 ta' Novembru 2024** (**a fol 86 et seqq**) fejn ikkonfermat l-identita ta' MN. Ikkonfermat li ma kienx hemm movementi ta' dhul jew hrug minn Malta tal-intimat skont ir-*records* li ghandhom.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment***

***adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-ghaxra (10) ta' Frar elfejn u tlettax (2013) liema zwieg jgib certifikat numru 2369/2013 (Vide certifikat taz-zwieg, DOK A a fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu tlett (3) itfal, tnejn (2) minnhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' sentenza finali datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) moghtija minn Onor. Imhallef Anthony Vella (Vide a fol 6 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-Ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2369/2013 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes ikunu a karigu tal-intimat izda jithallsu provisorjament mill-attrici.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**